

Brussell, 8 ta' Novembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0114(COD)

13691/19
ADD 1

CODEC 1565
DRS 57
IA 197

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' konverżjonijiet, mergers u diviżjonijiet transkonfinali (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Estonja

L-Estonja tilqa' l-għan tad-direttiva dwar il-konverżjonijiet, il-mergers u d-diviżjonijiet transkonfinali li tipprovdi ambjent legali u amministrattiv, li jwassal għat-tkabbir kif ukoll li huwa adatt biex jiġu ffaċċjati l-isfidi ekonomiċi u soċjali l-ġodda ta' dinja globalizzata u diġitali, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-impjegati, tal-kredituri u tal-azzjonisti minoritarji. L-Estonja tirrikonoxxi l-benefiċċju potenzjali ta' qafas legali bħal dan. Din kienet opportunità unika biex jinħoloq il-qafas legali tant meħtieġ biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku u jiġu stimulati l-impjiegi, it-tkabbir u l-investment.

Madankollu, l-Estonja jiddispjaċiha li l-għanijiet imsemmija hawn fuq għadhom ma ntlaħqux kompletament fl-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali. Aħna nibqgħu mħassba ħafna li d-direttiva tinkludi obbligi mhux ċari u onerużi, li ma jippermettux l-użu tal-potenzjal sħiħ tas-suq uniku u jista' jkollhom ukoll effett ta' deterrent fuq il-kumpanniji, speċjalment fuq l-SMEs. Barra minn hekk, ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva ma jqisux la l-ambjent tan-negozju li qed jiżviluppa malajr u lanqas l-ekonomija diġitali. F'dan il-kuntest, l-Estonja jiddispjaċiha, b'mod partikolari, mit-trattament inugwali ta' kumpanniji stabbiliti skont teoriji legali differenti minkejja l-leġittimità u l-istatus ugwali tagħhom skont l-Artikolu 54 TFUE u l-ġurisprudenza stabbilita (kawżi Polbud, C-106/06, paragrafi 34 u 62, National Grid Indus, C-371/10, paragrafi 26-27, Daily Mail, C-81/87, paragrafu 21). B'kont meħud ta' dan, huwa inkomprensibbli għalfejn sistema waħda għandha tkun żvantaġġata meta mqabbla mal-oħra. Bil-ħolqien ta' preżunzjoni li permezz tagħha jiġi preżunt in-nuqqas ta' abbuż jew imġiba frodulenti mill-kumpanniji, li jkollhom il-ġestjoni effettiva u l-attività ekonomika tagħhom fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni, essenzjalment qed tinħoloq preżunzjoni li l-kumpanniji diġitali kontemporanji u globali huma, fil-fatt, frodulenti jew "kumpanniji fittizji". Dan jinċentiva lill-kumpanniji progressivi biex jirreġistraw lillhom infushom barra mis-suq uniku, f'pajjiżi b'ambjent legali aktar modern u flessibbli. Għaldaqstant, aħna nibzġhu li regoli kumplessi bħal dawn ser jirriżultaw f'kumpanniji li jfittxu alternattivi, u b'hekk ikollhom konsegwenzi imprevedibbli għall-impjegati, il-kredituri u l-azzjonisti minoritarji.

Barra minn hekk, id-Direttiva dwar mergers transkonfinali kienet qed taħdem tajjeb fil-prattika għal aktar minn għaxar snin. Għalhekk, jibqa' mhux ċar għalfejn ir-regoli dwar mergers transkonfinali ma ttieħdux qabelxejn bħala bażi għal konverżjonijiet u diviżjonijiet transkonfinali. Barra minn hekk, huwa inkwetanti li r-regoli eżistenti dwar mergers transkonfinali nbidlu lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jissolvew il-ftit problemi prattiċi li ġew identifikati. Billi nagħmlu wisq bidliet, hemm ir-riskju li nagħmlu r-regoli eżistenti, li jiffunzjonaw tajjeb, dwar il-mergers transkonfinali ineffettivi, ineffiċjenti u inqas attraenti.